**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI INFERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Joanne Vella Cuschieri B.A. Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

Seduta tal-lum, il-Gimgha 15 ta' Jannar 2016

Avviz numru 12/2014 (JVC)

John Camilleri

Vs

Ic-Chairman Gozo Channel Company Limited u c-Chairman Transport Malta

Il-Qorti;

Rat l-Avviz fejn l-attur talab li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsuh danni fl-ammont ta' tlett elef u seba' u tmenin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3087.24) rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura tieghu in segwitu ghall-incident li sehh unikament tort taghhom jew min minnhom nhar il-5 ta' Settembru 2013 fejn tinda proprjeta' u/jew mikrija minn Transport Malta u/jew ta' Gozo Channel Company Limited li kienet impoggija barra mit-terminal tac-Cirkewwa laqtet il-vettura tal-mittenti waqt li huwa kien qieghed jistenna l-vapur fil-marshalling area fic-Cirkewwa.

Bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' l-ittra ufficcjali ta' Jannar 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji kollha u l-ittra ufficcjali ta' Jannar 2014 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa stess imharkin ghas-subizzjoni.

Bis-subizzjoni tal-konvenuti li minn issa qeghdin jigu ngunti ghaliha.

Rat ir-risposta ta' Gozo Channel Company Limited fejn eccepiet:

i. illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom almenu in kwantu rivolti fil-konfront ta' l-esponenti.

ii. illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari, huwa sottomess li l-esponenti m'hijiex il-legittima kuntradittrici f'din il-kawza in kwantu hija mhijiex sid tal-proprjeta' mertu ta' dawn il-proceduri.

iii. illi fit-tieni lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li l-esponenti mhijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk hija m'ghandhiex titqies bhala responsabbli ghad-danni relattivi.

iv. salvi eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Bl-ispejjez.

Semghet lill-partijiet.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2016.

Rat l-atti kollha.

Stante li l-mertu u l-ispejjez tal-attur gew ceduti stante li ammessi u mhallsa mill-konvenut Chairman Transport Malta, taqta' u tiddeciedi wkoll l-ispejjez tal-konvenuta l-ohra Gozo Channel Company Limited billi taqta li in vista tal-ammissjoni u pagament lill-attur dawn ghandhom jigu sopportati nterament, inkluz id-drittijiet, mill-konvenut Chairman Transport Malta.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur